MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Diċembru, 2019

Rikors Maħluf Numru 869/2018 LM

**Christopher Agius (K.I. 185182M)**

***vs.***

**Middlesea Mapfre plc (C 5553) u Shemizen Borg (K.I. 52597M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fid-29 ta' Awwissu, 2018 mill-attur **Christopher Agius** (K.I. 185182M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016), għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu (7:00am), seħħ inċident tat-traffiku fi Vjal Santa Luċija, Paola, li fih ir-rikorrenti Christopher Agius, safa mtajjar minn karozza tal-għamla Mazda*

*Demio bin-numru tar-reġistrazzjoni KBU 919 misjuqa mir-rikorrent Shemizen Borg assikurat mas-soċjetà intimata;*

2. *Illi l-inċident tat-traffiku seħħ unikament tort tal-imprudenza, negliġenza, sewqan eċċessiv u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku tal-intimat Borg;*

3. *Illi r-rikorrent ittieħed immedjatament l-Isptar Mater Dei u ġie kkonfermat li riżultat tal-inċident tat-traffiku huwa sofra danni fiżiċi gravi, fejn għal xi ħin kien ukoll iċċertifikat li jinsab fil-periklu tal-mewt mit-tabib Dr Chris Giordmaina;*

4. *Illi r-rikorrent kawża tal-inċident u tal-impatt qawwi li kien hemm, sofra ġrieħi gravi serji f'saqajh il-leminija, f'wiċċu fuq in-naħa x-xellugija, fin-naħa ta' isfel ta' dahru u fejn dam madwar xahar rikoverat fl-Isptar Mater Dei u sussegwentement attenda għall-fiżjoterapija l-Isptar Karen Grech bħala out patient;*

5. *Illi minkejja l-fatt li l-intimati ġew interpellati jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrent, l-intimati baqgħu inadempjenti;*

*Għaldaqstant ir-rikorrent, filwaqt li jġib is-suriferiti fatti a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jgħid l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Tiddikjara l-intimat unikament responsabbli għall-inċident tat-traffiku li seħħ fi Vjal Santa Luċija fl-ewwel (1) ta' Settembru 2016, meta bil-vettura tiegħu, Mazda Demio bin-numru ta' reġistrazzjoni KBU 919, tajjar lir-rikorrent, b'riżultat ta' liema r-rikorrent sofra danni u debilità permanenti;*

2. *Tillikwida d-danni fiżiċi kollha sofferti mir-rikorrent b'riżultat tal-istess inċident ilmentat u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti nominati għal dan l-iskop kemm-il darba jkun il-każ, u*

3. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrent id-danni hekk likwidati fi żmien qasir u perentorju.*

*Bl-imgħax u spejjeż legali, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tad-data erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) ippreżentata preċedentement kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Mapfre Middlesea plc** (C 5553) u tal-konvenut **Shemizen Borg** (K.I. 52597M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fis-7 ta' Settembru, 2018, u maħlufa minn

**Kenneth Camilleri** (K.I. 78379M), għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta Mapfre Middlesea plc, fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-intimati jiċħdu r-responsabbilità għall-inċident li seħħ fl-1 ta' Settembru 2016 fi Vjal Santa Luċija, Paola, peress illi l-istess inċident seħħ unikament minħabba t-traskuraġni u imperizja da parti tal-attur Christopher Agius;*
2. *Illi għaldaqstant l-ebda ammont m'għandu jiġi llikwidat favur l-attur;*
3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur irid jipprova d-danni realment subiti minnu.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur li hu minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Lulju, 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza, u fejn il-partijiet ingħataw il-fakoltà li jagħmlu noti ta' sottomissjonijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Fl-1 ta' Settembru, 2016 l-attur ġie mtajjar mill-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KBU 919 misjuqa mill-konvenut Shemizen Borg u li kienet

assikurata mis-soċjetà konvenuta. L-inċident seħħ fi Vjal Santa Luċija, fit-telgħa ta' Raħal Ġdid, għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu waqt li l-attur kien qiegħed jaqsam it-triq sabiex imur ix-xogħol fl-uffiċini ta' Transport Malta, ġewwa l-A3 Towers. Konsegwenza tal-imsemmi inċident, l-attur sofra diversi ġrieħi, u għall-ewwel ftit jiem wara l-inċident kien anki fil-periklu li jitlef ħajtu. Minkejja l-interventi li saru fuq l-attur u t-terapija li ngħata wara l-inċident, dan xorta waħda baqa' jsofri minn debilitajiet permanenti. Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-inċident inkwistjoni, u qiegħed jitlob ukoll li l-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnu u li tikkundanna lill-konvenuti għall-ħlas tad-danni.

Il-konvenuti wieġbu li huma m'għandhom l-ebda responsabbilità x'iġorru għall-inċident, u allegaw li l-inċident seħħ minħabba traskuraġni u imperizja da parti tal-attur.

## Provi u riżultanzi

Flimkien mar-rikors maħluf, l-attur ippreżenta kopja tal-ittra uffiċjali mibgħuta lill-konvenuti fl-14 ta' Awwissu, 2018, li permezz tagħha interpellahom jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu konsegwenza tal-inċident tal-1 ta' Settembru, 2016.[1] Ġiet esebita wkoll kopja tar-rapport tal-Pulizija dwar l-inċident inkwistjoni.[2] L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' rapport ta' **Dr Alexander Cassar**, *consultant dental surgeon*[3], li kkonstata li l-attur iddaħħal l-

[1] *A fol.* 6 tal-proċess.
[2] *A fol.* 7 tal-proċess.
[3] *A fol.* 9 tal-proċess.

Isptar fl-1 ta' Settembru, 2016 wara li ttajjar minn vettura waqt li kien qiegħed jaqsam it-triq. Konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur sofra ġrieħi f'partijiet minn wiċċu, u partikolarment fi snienu. Ix-xhud ikkonstata li l-attur kellu bżonn intervent kirurġiku minħabba fi ksur kemm fix-xedaq kif ukoll fis-snien. Ix-xhud ikkonkluda r-rapport tiegħu b'dan il-mod:

> *"The Total Permanent Impairment for the Facial Injuries is calculated to be 18%. Other aspects that need to be addressed are the psychosocial effects of having suffered aesthetic and speech problems consequent to loss of teeth and their restoration. (...) Although the treatment to restore the missing teeth is now complete, this does not preclude the possibility of problems arising in future from caires or infection of teeth. Such events may compromise the sustainability of the present restoration and further treatment or replacement may be required."*

L-attur ippreżenta wkoll kopja tar-rapport redatt minn **Mr Thomas Azzopardi**[4], *consultant orthopaedic surgeon,* li wara li eżamina lill-attur ikkonstata li l-attur għadu jsofri minn diversi konsegwenzi minħabba l-inċident inkwistjoni, fosthom tnemnim f'partijiet minn wiċċu, diffikultajiet biex jitkellem, sturdament, uġigħ f'dahru, u restrizzjonijiet kemm f'idejh kif ukoll f'saqajh. Meta Mr Azzopardi eżamina lill-attur, dan kien għadu ma daħalx lura għax-xogħol, u kien għadu qed jimxi bl-għajnuna tal-krozzi. Mr Azzopardi ddeskriva l-ġrieħi sofferti mill-attur bħala *'life-threatening',* bi ksur f'diversi partijiet minn saqajh u bil-ġrieħi li sofra f'rasu. Fi kliem Mr Azzopardi:

> *"Mr Christopher Agius sustained life-threatening injuries, including a right floating knee injury with open displaced fractures of the right distal tibial and fibular shafts, and a comminuted fracture of the right distal femur. He also sustained a head injury with facial lacerations and fractures of the mandible, both temporal and mandibular fossae bones and fracture dislocation of both condylar processes."*

---

[4] *A fol.* 13 tal-proċess.

Mr Azzopardi kkonstata wkoll li minkejja l-interventi kirurġiċi u t-trattament li ngħata l-attur wara l-inċident, mhux mistenni li jkun hemm ebda titjib ieħor fil-kundizzjoni tiegħu, u in vista ta' dan ikkonkluda li d-debilià permanenti sofferta mill-attur mil-lat ortopediku tammonta għal għoxrin fil-mija (20%).

Fl-*affidavit* tiegħu l-attur **Christopher Agius**[5] qal li meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri huwa kellu wieħed u ħamsin sena (51), u dak iż-żmien huwa kien impjegat ma' Transport Malta. Spjega li fil-ħin li seħħ l-inċident, huwa kien sejjer għax-xogħol fl-uffiċini li jinsabu fl-A3 Towers, Raħal Ġdid wara li kien ipparkja l-vettura tiegħu f'parkeġġ riservat għall-impjegati ta' Transport Malta, maġenb l-entratura taċ-ċimiterju tal-Addolorata. Qal li bħal ma kien jagħmel drabi oħra, waqaf isellem lill-bejjiegħ tal-fjuri maġenb iċ-ċimiterju, u wara baqa' sejjer biex jaqsam it-triq. L-attur qal li t-*traffic lights* fl-inħawi ma kinux qegħdin jiffunzjonaw u minħabba f'hekk stenna sakemm it-*traffic lights* li hemm aktar 'l isfel fl-istess triq jaqilbu, u xħin aċċerta ruħu li kien sikur biex jaqsam mingħajr periklu, beda jaqsam it-triq u xħin wasal biex jaqsam l-aħħar biċċa tat-triq, għal darb'oħra reġa' ħares fuq ix-xellug tiegħu sabiex ikun ċert li m'hemmx vetturi telgħin, u xħin ra li ma kienet ġejja l-ebda vettura fid-direzzjoni tiegħu, beda jaqsam dik il-parti tat-triq. Qal li kien dak il-ħin li lemaħ vettura ssuq b'veloċità qawwija fid-direzzjoni tiegħu, u minkejja li pprova jevitaha billi dar lura lejn is-*central strip*, xorta waħda ntlaqat mill-vettura li kienet misjuqa mill-konvenut. L-attur qal ukoll li ma jiftakarx x'ġara wara l-inċident, ħlief li xħin induna li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet ser tolqtu, huwa pprova jevitaha, u għalhekk ipprova jdur lura sabiex jerġa' jitla' fuq is-*central strip.* Żied jgħid li hu jiftakar lill-kollega tiegħu John Bilocca sejjer lejh biex jagħtih l-assistenza, u wara ntilef minn sensih, tant hu hekk li

[5] *A fol.* 30 tal-proċess.

xħin qam sab ruħu fit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-isptar Mater Dei. L-attur qal li wara l-inċident huwa kien dam xahar rikoverat l-isptar, u wara kellu jagħmel sessjonijiet ta' riabilitazzjoni bħala *out patient* fl-isptar Karen Grech. L-attur spjega li konsegwenza tal-inċident huwa sofra ksur f'siequ l-leminija, f'wiċċu u fi snienu, kif ukoll ġrieħi fil-parti t'isfel ta' dahru. Qal li minkejja d-diversi interventi li sarulu, xorta waħda għadu jbati minn debilità permanenti, u għadu jesperjenza diffikultajiet biex jimxi u għadu jsofri minn uġigħ. Qal ukoll li għad hemm possibilità li fil-futur jkollu bżonn interventi oħra.

Fl-*affidavit* tiegħu **Mario Lia**[6] xehed li huwa bejjiegħ tal-fjuri fid-daħla taċ-ċimiterju tal-Addolorata, u ta' kull filgħodu kien isellem lill-attur wara li dan jipparkja l-vettura tiegħu fl-akkwati ta' fejn ikun armat hu bil-fjuri. Ix-xhud qal li fl-1 ta' Settembru, 2016, l-attur waqaf jitkellem ftit miegħu qabel ix-xogħol, u wara li dan telaq minn ħdejh, huwa kompla jirranġa l-fjuri li kellu fil-vann. Qal li madwar tliet minuti wara, sema' daqqa qawwija, u kif ħares biex jara x'ġara, ra lill-attur itir fl-arja, fit-tieni karreġġjata tat-triq, u wara rah jinstabat mal-art. Żied jgħid li hu jiftakar ukoll li l-basket li kien iġorr Agius għola ħafna aktar minnu, bl-affarijiet li kellu jinxterdu mal-art. Ix-xhud qal ukoll li dak il-ħin hu kellu xokk qawwi u ma felaħx imur viċin l-attur sabiex jara x'kien ġralu, għalkemm wara ftit ħin fuq il-post waslu ħafna nies u ambulanzi.

**Kurt Agius**[7], kollega tal-attur, fl-*affidavit* tiegħu qal li hu jaħdem fl-uffiċini ta' Transport Malta ġewwa l-A3 Towers f'Raħal Ġdid, u dakinhar li seħħ l-inċident hu kien tiela' t-telgħa li twassal għall-post tax-xogħol tiegħu. Spjega kif f'ħin minnhom għaddiet minn miegħu vettura b'veloċità qawwija u fil-mumenti ta' wara ra lil din il-vettura tolqot lill-attur li kien qiegħed jaqsam it-triq, u li bħax-

[6] *A fol.* 33 tal-proċess.
[7] *A fol.* 34 tal-proċess.

xhud kien fi triqtu lejn ix-xogħol. Ix-xhud qal li mad-daqqa hu ra lill-attur jogħla u jdur fl-arja, u wara rah jaqa' mal-art b'tisbita qawwija. Ix-xhud qal li l-attur ittajjar mill-vettura fejn kien hemm l-arblu tat-*traffic lights,* u minn hemm spiċċa fejn hemm l-entratura biex wieħed jaqsam it-triq biex jidħol fiċ-ċimiterju tal-Addolorata. Ix-xhud qal li bejn il-parti tat-triq fejn seħħ l-impatt, u l-parti tat-triq fejn spiċċa l-attur wara li ġie mtajjar, kien hemm distanza ta' madwar għaxar metri. Dan ix-xhud żied jgħid li minkejja l-impatt, il-vettura li tajret lill-attur baqgħet tinstaq għal xi metri.

**John Baptist Bilocca**[8], impjegat ta' Transport Malta, xehed li fil-ħin li seħħ l-inċident, hu kien diġà daħal xogħol, meta f'ħin minnhom sema' ħafna twerżiq minn ħaddiema oħra ta' Transport Malta. Qal li xħin mar jara x'ġara, hu ġie infurmat li l-attur kien ġie mtajjar minn vettura, u dak il-ħin hu mar ħdejn l-attur u qagħad ikellmu sabiex ma jintilifx minn sensih, sakemm fuq il-post waslet l-assistenza medika.

Waqt l-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2018 xehed l-**Ispettur Hubert Cini**[9], li qal li hu kien l-ispettur li investiga l-inċident li seħħ fl-1 ta' Settembru, 2016, fi Vjal Santa Luċija, Raħal Ġdid, fejn l-attur safa mtajjar minn vettura. Ix-xhud qal li kien għall-ħabta tas-sebgħa u kwart ta' filgħodu li wasal rapport għand il-Pulizija li kien seħħ dan l-inċident, u huwa kien informa lill-Maġistrat tal-Għassa sabiex din taħtar inkjesta maġisterjali minħabba li hekk kif l-attur ittieħed l-isptar bl-ambulanza, ġie stabbilit li dan kien fil-periklu li jitlef ħajtu. Ix-xhud qal li hu kien tkellem mas-sewwieq tal-vettura fuq il-post tal-inċident, u kien ikkonstata li dan kien tiela' mill-Marsa fi triqtu lejn Santa Luċija. Ix-xhud qal ukoll li meta waslu l-Pulizija fuq il-post tal-inċident, l-attur kien diġà

[8] *A fol.* 35 tal-proċess.
[9] *A fol.* 42 tal-proċess.

ttieħed l-isptar bl-ambulanza. Żied jgħid li mill-investigazzjoni li għamel hu, kien ikkonstata li l-attur kien qiegħed jipprova jaqsam it-triq minn parti tat-triq fejn qal li kien hemm "anomalija" għax minkejja li hemm it-*traffic lights* imwaħħlin, dawn ma jaħdmux. Ix-xhud qal ukoll li wara li saret l-inkjesta maġisterjali huwa kien iddeċieda li m'għandhom jittieħdu ebda passi kriminali kontra l-konvenut minħabba li ma ġie kommess l-ebda reat kriminali. Ix-xhud qal li d-distanza bejn it-*traffic lights* li hemm aktar 'l isfel fit-triq, u l-post fejn seħħ l-inċident hija ta' madwar ħamsin metru (50m).

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **PS 1257 Conrad Ellul**[10], li qal li l-*control room* tal-Pulizija kienet ġiet infurmata bl-inċident għall-ħabta tas-sebgħa u għaxra ta' filgħodu, u meta l-Pulizija waslu fuq il-post sabu għadd ta' paramediċi qegħdin jassistu lill-attur sabiex dan jittieħed l-isptar. Ix-xhud qal li l-inċident inkwistjoni seħħ fit-telgħa ta' quddiem iċ-ċimiterju tal-Addolorata, fid-direzzjoni lejn Santa Luċija. Għad-domandi in kontroeżami, ix-xhud spjega li fil-parti tat-triq minn fejn qasam l-attur m'hemmx *traffic lights* u lanqas hemm *zebra crossing.* Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport tal-Pulizija fir-rigward tal-inċident.[11]

Waqt l-istess udjenza xehdet ukoll **Gertrude Scerri**[12], in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei, sabiex tesebixxi kopja tal-*file* mediku tal-attur.[13] Permezz ta' nota ppreżentata fis-7 ta' Novembru, 2018, l-attur esebixxa kopja tar-riżultanzi tal-inkjesta maġisterjali li tmexxiet mill-Maġistrat Inkwirenti Dr Marse-Anne Farrugia.[14] Il-Qorti nnutat b'mod partikolari dak li rrelata dwaru l-

---

[10] *A fol.* 53 tal-proċess.
[11] *A fol.* 60 tal-proċess.
[12] *A fol.* 66 tal-proċess.
[13] *A fol.* 68 *et seq.* tal-proċess.
[14] *A fol.* 273 tal-proċess.

Inġinier Jean Paul Azzopardi, li nħatar mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jassisti fl-inkjesta, li qal li huwa kien stabbilixxa li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità ta' madwar sittin kilometru fis-siegħa (60km/s), li x-xhud qal li hija veloċità raġonevoli u fil-limiti stabbiliti mil-liġi għaż-żona fejn seħħ l-inċident. Dan ix-xhud ikkonstata li jista' jkun li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ minħabba negliġenza taż-żewġ partijiet, u jista' jkun li l-attur qasam it-triq b'mod mgħaġġel minħabba li kien tard għax-xogħol, wara li assuma li d-dwal fil-parti t'isfel tat-triq kienu ħomor. Qal ukoll li jista' jkun li l-konvenut kien aljenat u induna li kien hemm persuna qiegħda tipprova taqsam it-triq meta kien tard wisq.

Il-Maġistrat Inkwirenti kkonkludiet l-inkjesta tagħha billi qalet li l-*pedestrian*, l-attur f'dawn il-proċeduri, wera imprudenza meta pprova jaqsam minn parti tat-triq fejn il-viżjoni kemm tas-sewwieq kif ukoll tal-*pedestrian,* hija limitata minħabba f'arbuxelli mat-tul kollu tat-triq. Il-Maġistrat Inkwirenti kkonkludiet li l-inċident inkwistjoni seħħ minħabba emerġenza subitanea kkreata mill-*pedestrian* lix-xufier, li min-naħa tiegħu ma jaħti xejn għal dan l-inċident, lanqas b'mod kontributorju. Il-Maġistrat Inkwirenti waslet għall-konklużjoni li l-inċident seħħ minħabba fil-mod inkonsult li bih l-attur ipprova jaqsam it-triq, billi dan beda jaqsam it-triq f'punt fejn kien impossibbli għal sewwieq li ġej min-naħa l-oħra tat-triq biex jarah. Kien in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, li l-Maġistrat Inkwirenti waslet għall-konklużjoni li l-konvenut ma kkommetta l-ebda reat kriminali.

Waqt l-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2018, xehed **l-Inġinier Jean Paul Azzopardi**, li kien ġie maħtur bħala espert mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jassisti fl-inkjesta dwar l-inċident tat-traffiku inkwistjoni. Ix-xhud qal li huwa kien ġie

maħtur sabiex jevalwa l-fatturi li wasslu għal dan l-inċident u sabiex jirrelata dwar il-kundizzjoni tal-vettura li biha ttajjar l-attur. Ix-xhud spjega l-mekkaniżmu li ntuża minnu sabiex wasal għall-konklużjoni li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità ta' madwar sittin kilometru fis-siegħa (60km/s), u qal li xħin analizza d-daqqiet u l-ħsarat li ġarrbet il-vettura, stabbilixxa li l-impatt mal-vettura kien viċin ħafna tas-*centre of gravity* tal-vittma, filwaqt li hemm ukoll daqqa fil-parti t'isfel tal-*windscreen* tal-vettura. Ix-xhud spjega li hu uża indiċi minn ktieb li l-awtur tiegħu huwa Lynn Fricke, sabiex għamel il-kalkolu tiegħu fir-rigward tal-veloċità li kienet qiegħda tinstaq biha l-vettura inkwistjoni. Ix-xhud kompla jispjega li huwa għamel il-verifiki tiegħu mal-pjanta li tħejjiet mill-Perit Richard Aquilina, u stabbilixxa li mal-impatt l-attur ittajjar distanza konsiderevoli. Ix-xhud qal li fattur stramb li ltaqa' miegħu waqt l-investigazzjoni tiegħu, kien il-fatt li għalkemm l-attur kien qiegħed jaqsam min-naħa taċ-ċimiterju tal-Addolorata fid-direzzjoni lejn Transport Malta, u l-karozza li tajritu għalhekk kienet ġejja min-naħa tax-xellug tiegħu, l-ksur li ġarrab l-attur kien fil-parti tal-lemin ta' ġismu, u għalhekk huwa seta' jikkonkludi li l-attur bħal qisu ffriża u pprova jdur lura lejn is-*central strip*. Fi kliem ix-xhud:

> "... il-vittma kien qiegħed jaqsam it-Triq tal-Addolorata jiġifieri l-impatt l-ewwel għandu jkun fuq in-naħa tax-xellug. Fil-fatt imma l-ksur qiegħed fuq in-naħa tal-lemin. Meta tqies li kien hemm ksur kemm fil-koxxa u anke fil-qasba tas-sieq u l-irkoppa spustjata, jfisser li l-impatt sar fuq in-naħa tal-lemin, jiġifieri kif il-karozza ġejja min-naħa tax-xellug imma l-persuna qala' daqqa fuq in-naħa tal-lemin?"

Ix-xhud kompla jgħid li meta tkellem mal-konvenut, dan kien qallu li hu u tiela' t-telgħa, it-*traffic lights* kienu ħodor, u bħala sewwieq huwa kien qiegħed f'sitwazzjoni diffikultuża li minnha ma setax jara persuna li tkun qiegħda taqsam. Ix-xhud qal li l-konvenut kien qallu li meta ra lill-vittma jaqsam, huwa

kien ipprova jikser sabiex jevitah u kien anki għafas il-*brake,* għalkemm ix-xhud żied jgħid li huwa kien ikkonstata li mal-art ma kienx hemm *brake marks.* Żied jispjega li vetturi mgħammra b'sistema ta' ABS ma jħallux *brake marks* mal-art. Ix-xhud qal li l-konvenut kien qallu li xħin wasal quddiem iċ-ċimiterju, kien ra wieħed jaqsam bil-ġirja. Ix-xhud ikkonferma wkoll li mid-demm li kien hemm fl-art, huwa seta' jistabbilixxi fejn kien il-*point of impact* tal-attur mal-vettura, kif ukoll il-parti tat-triq fejn spiċċa l-attur wara li ġie mtajjar. Ix-xhud qal ukoll li minkejja li l-konvenut kien qallu li kien ipprova jieħu azzjoni evażiva hekk kif lemaħ lill-attur, mir-ritratti li ttieħdu wara l-inċident, l-isteering tal-vettura misjuqa mill-attur kien għadu dritt, u għalhekk lilu rriżultalu li ma kienx minnu li l-konvenut ipprova jieħu *evasive action.* Ix-xhud ippreżenta kopja tar-relazzjoni tiegħu bħala espert inġinier li assista fl-Inkjesta Maġisterjali.[15]

Permezz ta' nota ppreżentata fit-3 ta' Jannar, 2019, l-attur ippreżenta kopja ta' gazzetta b'artikolu dwar l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.[16]

Waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2019 xehed il-**Perit Richard Aquilina**[17], li qal li huwa kien ġie maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jassisti fl-inkjesta, billi ipprepara pjanta tal-post u sema' xi xhieda. Ix-xhud qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, fil-post minn fejn ipprova jaqsam l-attur kien hemm il-*lights* imwaħħlin iżda dawn ma kinux għadhom jiffunzjonaw. Ix-xhud qal li meta tkellem mal-konvenut, dan kien infurmah li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, huwa kien jaħdem ġewwa ħanut f'Ħal Għaxaq, u dak il-ħin hu kien sejjer ix-xogħol bil-vettura tiegħu, wara li aktar kmieni dakinhar filgħodu hu kien mar għall-kaċċa ġewwa l-Miżieb. Il-konvenut kien informa lill-esperti li nħatru biex

[15] *A fol.* 295 *et seq.* tal-proċess.
[16] *A fol.* 318 tal-proċess.
[17] *A fol.* 322 tal-proċess.

jassistu fl-inkjesta li hu skorra t-*traffic lights* fil-ħin li dawn kienu ħodor, u li għalhekk baqa' tiela' t-telgħa ta' quddiem iċ-ċimiterju. Il-konvenut kien infurmahom ukoll li ftit qabel wasal quddiem id-daħla li twassal għaċ-ċimiterju, kien ra persuna qiegħda taqsam bil-ġirja, u xħin dan il-persuna induna li kien hemm vettura qiegħda tinstaq lejh, dan waqaf, filwaqt li l-konvenut ipprova jiġbed il-vettura fid-direzzjoni opposta sabiex jipprova jiskapulah. Il-konvenut informa wkoll lix-xhud li qabel laqat lill-vittma, hu kien żamm il-*brake.* Permezz ta' nota ppreżentata fl-24 ta' Jannar, 2019, il-Perit Richard Aquilina ppreżenta vera kopja tar-relazzjoni tiegħu li huwa kien esebixxa u kkonferma bil-ġurament fil-21, ta' Novembru, 2016.[18] F'din in-nota, il-Perit Aquilina kkonferma li d-distanza bejn it-*traffic lights* u l-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident kienet ta' erbgħa u sebgħin metru (74 m).

Waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2019, xehed **Ray Fava**[19], rappreżentant ta' Transport Malta, li qal li fiż-żmien meta seħħ l-inċident, huwa kien jaħdem bħala *senior manager* inkarigat mir-riżorsi umani ta' din l-entità. Ix-xhud qal li l-attur kien kollega u ħabib tiegħu, u l-attur kien ġie impjegat minn Transport Malta fit-8 ta' Frar, 2010.

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Frar, 2019 xehed **PC 1491 Kurt Attard**[20], li qal li huwa kien ġie nominat bħala *scene of crime officer* sabiex jassisti fl-Inkjesta Maġisterjali. Ix-xhud ippreżenta kopja tar-rapport flimkien mar-ritratti li huwa kien ħa fuq il-post fejn seħħ l-inċident.[21]

[18] *A fol.* 330 tal-proċess.
[19] *A fol.* 344 tal-proċess.
[20] *A fol.* 350 tal-proċess.
[21] *A fol.* 352 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2019, reġa' xehed l-**Inġinier Jean Paul Azzopardi**[22], li spjega li sabiex stabbilixxa l-punt fejn seħħ l-impatt, huwa kien ra l-pożizzjoni finali tal-vittma nnifsu, id-diversi traċċi tad-demm li kien hemm fl-art, kif ukoll it-traċċi li ħallew l-affarijiet li kien qiegħed iġorr l-attur f'basket. Ix-xhud qal li l-vettura involuta f'dan l-inċident kienet għadha fil-kontroll tal-konvenut wara li seħħ l-impatt, u għalhekk dan seta' bidel id-direzzjoni tagħha. Ix-xhud sostna li huwa ddetermina l-*point of impact* mhux billi ra t-*trajectory point* tal-vettura, iżda tal-basket li kellu l-vittma u fejn spiċċa l-vittma nnifsu. Ix-xhud qal li huwa kien preżenti dakinhar li l-konvenut ta x-xhieda tiegħu, u dan kien qal li meta ntebaħ bil-vittma li kien qiegħed jipprova jaqsam it-triq, kien ipprova jiskapulah. Ix-xhud ippreżenta xi notamenti bil-kalkoli li huwa għamel wara l-inċident, sabiex seta' jistabbilixxi l-veloċità li l-konvenut biha kien qiegħed isuq il-vettura, kif ukoll id-distanza bejn il-parti tat-triq fejn seħħ l-impatt u l-parti tat-triq fejn spiċċa l-attur wara l-inċident.[23]

Permezz ta' nota ppreżentata fl-4 ta' Marzu, 2019, l-attur ippreżenta kopja ta' pjanta mħejjija mill-Perit Richard Aquilina li turi d-dinamika kollha tal-inċident.[24]

L-**Inġinier Jean Paul Azzopardi** kompla jixhed waqt l-udjenza tad-29 ta' Marzu, 2019[25], fejn ippreżenta rapport flimkien ma' pjanta fejn stabbilixxa l-punt tal-impatt.[26] Lix-xhud sarlu riferiment għall-fatt li mill-pjanta esebita, jirriżulta li d-direzzjoni tal-vettura wara l-inċident ma tikkombaċċjax mal-punt fejn seħħ l-impatt, u x-xhud spjega dan billi qal:

---

[22] *A fol.* 373 tal-proċess.
[23] *A fol.* 385 tal-proċess.
[24] *A fol.* 402 tal-proċess.
[25] *A fol.* 404 tal-proċess.
[26] *A fol.* 406 tal-proċess.

> "... ktibt hawnhekk ukoll fejn qed ngħid li s-sottoskritt ma jikkunsidrax il-pożizzjoni finali tal-vettura minħabba li din kienet għadha qiegħda taħt kontroll ta' persuna li għaldaqstant hemm possibilità li din ma tkunx ħadet il-korsa jew traġitt naturali tagħha sakemm sabet il-pożizzjoni finali tagħha u hemm possibilità li tkun ġiet affettwata minn forza esterna ċioé input mis-sewwieq tal-vettura nnifsu."

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2019 sar il-kontroeżami tal-attur **Christopher Agius**[27], li qal li huwa m'għadux jaħdem ma' Transport Malta, u wara l-inċident inkwistjoni huwa kien ġie sekondat mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni u Kummerċ. L-attur qal li l-bejjiegħ tal-fjuri li waqaf ikellem ftit tal-mumenti qabel seħħ l-inċident, kien ipparkjat taħt siġra. L-attur qal li huwa ma kienx tard għax-xogħol, u tant ma kienx tard, li waqaf jitkellem ma' dan il-bejjiegħ partikolari. L-attur qal ukoll li huwa kien jaf li t-*traffic lights* tal-post minn fejn ipprova jaqsam ma kinux jiffunzjonaw, u kien anki għamel rapport dwar dan. L-attur spjega li hu ħares lejn id-dwal fuq in-naħa tax-xellug tiegħu, sabiex jara dawn meta kienu ser jixegħlu aħmar, minħabba li dawk it-*traffic lights* jaħdmu l-istess bħalma kienu jaħdmu t-*traffic lights* li kien hemm fit-telgħa minn fejn kien ġej il-konvenut. L-attur ikkonferma li biex jasal mill-post fejn ipparkja l-vettura tiegħu, għall-parti tat-triq li twasslu għall-post tax-xogħol tiegħu, hu ried jaqsam erba' karreġġjati. Qal li qabel qasam it-triq, ra li ma kien ġej ħadd min-naħa tax-xellug tiegħu, u meta induna bil-vettura misjuqa mill-konvenut, li kienet qiegħda tinstaq b'ċerta veloċità, huwa pprova jdur lura biex jevitaha, iżda kien tard wisq u ma rnexxilux jagħmel dan.

Waqt l-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Mario Lia**[28], li qal li xħin seħħ l-inċident huwa kien qiegħed b'dahru lejn it-triq, minħabba li ried jirranġa xi affarijiet li kellu fil-vann. Ix-xhud kompla jgħid li f'ħin minnhom sema' ħoss, u

[27] *A fol.* 414 tal-proċess.
[28] *A fol.* 420 tal-proċess.

meta dar biex jara x'kien ġara, ra lill-attur idur fl-ajru u wara rah jinstabat mal-art. Żied jgħid li dak il-ħin huwa ħa xokk u ma felaħx imur jara l-attur x'kien ġralu.

Waqt l-istess udjenza sar ukoll il-kontroeżami ta' **Kurt Agius**[29], li qal li xħin seħħ l-inċident huwa kien tiela' mill-parti tat-triq fejn hemm l-uffiċini ta' Transport Malta. Ix-xhud qal li l-vettura misjuqa mill-konvenut għaddiet mill-karreġġjata ta' barra, dik l-aktar viċin is-*central strip,* u l-impatt seħħ ftit qabel il-liwja li twassal għaċ-ċimiterju. Ix-xhud qal li l-impatt sar bil-parti ta' quddiem tal-vettura fejn hemm il-fanal.

Fl-*affidavit* tiegħu l-konvenut **Shemizen Borg**[30] qal li dakinhar li seħħ l-inċident, hu kien fi triqtu lejn ix-xogħol. Qal ukoll li bħala ħin hu kien qiegħed tajjeb, u hekk kif wasal fil-bidu tat-telgħa ta' Vjal Santa Luċija, qabel il-bini ta' Transport Malta, huwa ntebaħ li kien hemm persuna qiegħda taqsam it-triq bil-ġirja u bl-addoċċ. Qal li kemm hu kif ukoll l-attur ippruvaw jevitaw lil xulxin, u l-attur kien ippanikkja u pprova jdur lura minn fejn qasam, filwaqt li huwa kien ipprova jdawwar l-isteering u jagħfas il-*brake* sabiex jevita li jolqtu. Il-konvenut qal li fil-karreġġjata tax-xellug tiegħu kien hemm vettura oħra għaddejja, u għalhekk ma setax idawwar l-isteering kompletament. Il-konvenut qal li kollox ġara fi ftit ħin, u minkejja li pprova jevita li jolqot lill-attur, u minkejja li hu kien għaddej b'veloċità li tista' titqies li hija raġonevoli għall-inħawi, xorta waħda laqat lill-attur bil-ġenb tal-vettura tiegħu. Il-konvenut qal ukoll li wara d-daqqa, l-attur dar u tkaxkar mal-art, filwaqt li hu waqqaf il-vettura kompletament ftit distanza 'l bogħod. Il-konvenut qal li hu saq il-vettura tiegħu meta d-dwal kienu ħodor, u kien biss mad-dawra li kien

[29] *A fol.* 425 tal-proċess.
[30] *A fol.* 430 tal-proċess

lemaħ lill-attur qed jipprova jaqsam it-triq. Żied jgħid li huwa kien għaddej mal-karreġġjata li tmiss mas-*central strip* u kien għalhekk li ma kienx lemaħ lill-attur qabel, għax il-vista tiegħu kienet waħda limitata. Il-konvenut qal ukoll li l-post fejn seħħ l-inċident mhux post li wieħed jistenna li persuna taqsam minnu, u kieku ma ħax azzjoni immedjata sabiex jipprova jevita lill-attur, il-ħsara kkaġunata minnu kienet tkun ferm akbar. Qal ukoll li l-attur kien laħaq qasam sa nofs il-karreġġjata, u kien hemmhekk li huwa laqtu.

Il-kontroeżami tal-konvenut **Shemizen Borg** sar waqt l-udjenza tad-29 ta' Mejju 2019[31], fejn il-konvenut ikkonferma li l-inċident inkwistjoni seħħ għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu fi Vjal Santa Luċija. Il-konvenut qal li dak il-ħin kien ġej mill-Mellieħa u kien sejjer lejn Ħal Għaxaq. Il-konvenut qal li meta lemaħ lill-attur, dan kien qiegħed jaqsam mil-lemin għax-xellug tiegħu, u l-attur kien fin-nofs tat-triq. Qal li dak il-ħin żamm il-*brake,* u kiser l-isteering fuq ix-xellug tiegħu, filwaqt li ħares lejn il-mera fin-naħa tax-xellug sabiex jara jekk setax jaqsam għal fuq il-karreġġjata l-oħra. Il-konvenut qal li huwa pprova jiskapula lill-attur, iżda ma setax, u kien għalhekk li ħadu bil-ġenb tal-karozza tiegħu. Il-konvenut qal li l-ewwel impatt mal-attur kien f'saqajh, u l-attur dak il-ħin waqa' mal-vettura tiegħu. Il-konvenut qal li l-attur m'għoliex mill-art mad-daqqa. Il-konvenut qal ukoll li hu waqqaf il-vettura mal-impatt. Hu żied jgħid li huwa fl-ebda ħin ma bidel il-karreġġjata li kien qiegħed isuq fiha, u baqa' jsuq dritt fl-istess direzzjoni sakemm waqaf wara li laqat lill-attur. Il-konvenut ikkonferma li l-attur kien laħaq qasam madwar tliet metri mit-triq meta lemħu.

[31] *A fol.* 440 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tat-3 ta' Ġunju, 2019, sar ir-riežami ta' **Shemizen Borg**[32], li qal li huwa u jsuq, fuq il-lemin tiegħu kien hemm arbuxelli kbar ħafna li tellfulu l-vista tal-parti tat-triq li kien qiegħed jaqsam minnha l-attur. Il-konvenut qal li fil-ftit sekondi li kellu biex jirreaġixxi wara li ra lill-attur, huwa laħaq ta daqqa t'għajn fuq ix-xellug tiegħu sabiex jara jekk setax jaqsam fuq il-karreġġjata tax-xellug biex jevita li jolqot lill-attur. Żied jgħid li hu laħaq naqqas il-veloċità tal-vettura u għafas il-*brake,* sakemm laqat lill-attur. Il-konvenut qal ukoll li hu ma laħaqx qabeż għall-karreġġjata tax-xellug. Il-konvenut qal li minkejja li fil-ħin tal-inċident għajnejh ma kinux fuq l-i*speedometer*, madanakollu hu jaf li kien qiegħed isuq b'veloċità ta' madwar ħamsin kilometru fis-siegħa.

Permezz ta' nota tas-27 ta' Ġunju, 2019, l-attur ippreżenta prospett tad-danni b'diversi dokumenti annessi miegħu.[33]

## Konsiderazzjonijiet legali

Fl-ewwel lok il-Qorti għandha tevalwa l-provi kollha miġjuba quddiemha sabiex tasal biex tiddeċiedi l-kwistjoni dwar ir-responsabbilità għall-inċident mertu tal-kawża. Mill-provi jirriżulta li l-inċident inkwistjoni seħħ fl-1 ta' Settembru, 2016 għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu meta l-attur kien qiegħed jaqsam Vjal Santa Luċija, Raħal Ġdid, preċiżament quddiem iċ-Ċimiterju tal-Addolorata, meta kien fi triqtu lejn ix-xogħol, fl-uffiċini ta' Transport Malta, fl-A3 Towers f'Raħal Ġdid, meta safa mtajjar mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Jirriżulta wkoll li fil-parti tat-triq minn fejn ipprova jaqsam l-attur hemm dwal

[32] *A fol.* 477 tal-proċess.
[33] *A fol.* 463 tal-proċess.

tat-traffiku mwaħħlin, li iżda fiż-żmien meta seħħ l-inċident ma kinux għadhom jiffunzjonaw. Dakinhar li seħħ l-inċident, l-attur ipparkja l-karozza tiegħu fil-parkeġġ riservat għall-impjegati ta' Transport Malta viċin iċ-Ċimiterju tal-Addolorata, tkellem għal ftit mumenti ma' bejjiegħ tal-fjuri li jarma fl-inħawi, u wara mar biex jaqsam it-triq sabiex jirrapporta għax-xogħol. L-inċident inkwistjoni seħħ meta l-attur kien qiegħed jaqsam l-aħħar żewġ karreġġjati tat-triq, meta safa mtajjar mill-vettura misjuqa mill-konvenut.

L-attur xehed li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, huwa ma kellux xi għaġġla partikolari biex jidħol għax-xogħol. Qal ukoll li kien jaf li d-dwal tat-traffiku fil-parti tat-triq minn fejn ipprova jaqsam hu, ma kinux jiffunzjonaw, u għalhekk qagħad attent sabiex jara d-dwal tat-traffiku li hemm aktar 'l isfel fit-triq jaqilbu, sabiex jaċċerta ruħu li seta' jaqsam. L-attur xehed ukoll li meta niżel minn fuq is-*central strip* ġot-triq, ma kien ra l-ebda vettura ġejja lejn id-direzzjoni tiegħu. Meta kien wasal f'nofs il-karreġġjata, ra l-vettura tal-konvenut qiegħda tinstaq b'ċerta veloċità fid-direzzjoni tiegħu. L-attur xehed ukoll li f'dawk il-ftit mumenti li huwa kellu, ipprova jerġa' jitla' fuq is-*central strip,* iżda ma laħaqx għamel dan għax intlaqat mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur sofra ġrieħi sostanzjali, fosthom ksur u minkejja li attenda għal sessjonijiet ta' riabilitazzjoni bħala *out patient,* għadu jsofri minn diversi debilitajiet, kif stabbilit mill-esperti mediċi li eżaminawh.

Xhieda okulari li raw l-inċident iseħħ, fosthom Mario Lia, il-bejjiegħ tal-fjuri li kien tkellem mal-attur ftit tal-ħin qabel, u Kurt Agius, kollega tal-attur li kien miexi fit-triq fid-direzzjoni tal-uffiċini ta' Transport Malta, it-tnejn xehdu li kienu semgħu ħoss qawwi u meta ħarsu raw lill-attur jinqata' mill-art mad-

daqqa, u wara rawh jieħu tisbita mal-art. Kurt Agius xehed ukoll li huwa kien innota l-vettura misjuqa mill-konvenut għaddejja b'ċerta veloċità minħabba li din għaddiet minn miegħu, u mumenti wara kien ra l-inċident iseħħ.

Il-Qorti semgħet ukoll xi xhieda li nħatru bħala esperti mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jassistu fl-Inkjesta li saret dwar l-inċident, peress li għal xi ġranet wara l-inċident, l-attur kien fil-periklu li jitlef ħajtu. L-Inġinier Jean Paul Azzopardi xehed li mill-provi u minn dak li seta' jikkonstata meta mar fuq il-post tal-inċident, seta' jistabbilixxi li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità ta' madwar ħamsin kilometru fis-siegħa (50km/s) li huwa fil-limiti stabbiliti mil-liġi għal dik iż-żona. Lil dan l-espert irriżultalu li meta l-attur induna li l-vettura kienet ser tolqtu, dan bħal qisu 'iffriża' u pprova jdur lura sabiex jerġa' jitla' fuq is-*central strip,* imma ma laħaqx għamel dan għax safa mtajjar mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Dan ix-xhud qal ukoll li minkejja li l-konvenut xehed li huwa pprova jieħu azzjoni evażiva sabiex jevita li jolqot lill-attur, billi kiser l-isteering lejn ix-xellug, minn dak li seta' jikkonstata hu meta mar fuq il-post, seta' jikkonkludi li dan ma kienx il-każ. Dan ix-xhud qal ukoll li minkejja li lilu l-konvenut kien qallu li kien żamm il-*brake* sabiex ma jolqotx lill-attur, fl-art ma rriżultaw l-ebda *brake marks,* għalkemm żied jgħid li vetturi mgħammra b'sistema tal-ABS ma jħallux marki tal-brejkijiet fl-art. Il-Qorti semgħet ukoll lill-Perit Richard Aquilina jixhed li l-konvenut lilu kien qallu li lill-attur kien rah f'daqqa. Il-konvenut fix-xhieda tiegħu ukoll allega li l-attur qasam it-triq bil-ġirja u bl-addoċċ, u għalhekk huwa nħasad meta sab lill-attur quddiemu fit-triq.

Il-Qorti qieset dawn il-provi fid-dawl tar-riżultanzi tal-Inkjesta Maġisterjali, li kkonkludiet li l-konvenut m'għandux iġorr responsabbilità kriminali għall-

akkadut. Il-Qorti tirrileva li fil-kamp ċivili, kolpa tfisser nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb ta' *bonus paterfamilias,* hekk kif stabbilit fl-artikolu 1032 (1) tal-Kodiċi Ċivili. Irid jingħad ukoll li l-grad ta' prova fi proċeduri ċivili jvarja mill-grad ta' prova fil-kamp kriminali, u filwaqt li l-atti tal-Inkjesta Maġisterjali li saret jistgħu jitqiesu bħala prova f'dawn il-proċeduri, madanakollu l-investigazzjoni li sejra tagħmel din il-Qorti trid tkun għalkollox indipendenti minn kull investigazzjoni oħra li setgħet saret mill-Qrati dwar dan il-każ. Hawnhekk ikun pertinenti li jiġi ċċita dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'deċiżjoni tal-31 ta' Jannar, 2011 fl-ismijiet **Mary Ann Borg noe *vs.* Korporazzjoni Enemalta et**[34], fejn kienu saru is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili li huma indipendenti minn xulxin[35], u d-deċiżjonijiet tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali mhumiex konklussivi għall-għanijiet tal-azzjoni ċivili.[36] Li ma kienx hekk, billi l-grad tal-prova huwa differenti fiż-żewġ azzjonijiet, l-attur fl-azzjoni ċivili kien ikollu jegħleb oneru tal-prova ogħla minn dak illi trid il-liġi ċivili. Is-sentenzi tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali huma ammissibbli bħala prova fl-azzjoni ċivili, u għandhom piż daqs kull prova ammissibbli oħra iżda d-deċiżjoni għall-għanijiet tal-kawża ċivili tkun dik tal-qorti ċivili u mhux tal-qorti kriminali."

Il-Qorti kkonsidrat li l-inċident inkwistjoni seħħ fi triq traffikuża ħafna, f'ħin tal-ġurnata fejn ikun hemm volum qawwi ta' traffiku għaddej mill-inħawi. Għalhekk huwa verosimili li l-konvenut ma kienx qiegħed jeċċedi l-limitu tal-veloċità stabbilit għall-inħawi. Madanakollu mill-provi jirriżulta li l-inċident stradali inkwistjoni seħħ meta l-attur kien diġà ħareġ fit-tielet karreġġjata u kien mexa madwar tliet metri bogħod mis-*central strip.* Il-konvenut qal li hu ma kellux vista tajba biżżejjed tat-triq għax kien hemm xi arbuxelli mal-ġenb tagħha. Jirriżulta wkoll li l-attur qasam mill-parti tat-triq fejn hemm *traffic*

[34] 31.01.2011.
[35] L-artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali.
[36] **Carmelo Micallef St John et *vs.* Richard Spiteri et**, Appell Ċivili, 15.01.2002.

*lights* imwaħħlin, li però ma kinux jiffunzjonaw fiż-żmien meta seħħ l-inċident. Il-konvenut xehed li huwa nħasad meta ra lill-attur fit-triq, u minkejja li pprova jiskapulah u pprova jżomm il-*brake,* xorta waħda ma rreaġixxiex fil-pront biżżejjed biex jevita lill-attur, bil-konsegwenza li seħħ l-inċident inkwistjoni. Il-Qorti tqis li l-konvenut ma kienx attent biżżejjed għal dak li kien qiegħed iseħħ madwaru fit-triq, u kien għalhekk li ma lemaħx lill-attur qabel kien tard wisq. Mill-provi rriżulta li l-konvenut ma ħa l-ebda azzjoni evażiva sabiex jevita li jolqot lill-attur, u minkejja li fix-xhieda tiegħu qal li hu żamm *brake,* xi ħaġa li ma ġietx korroborata minn xi marki f'dik il-parti tat-triq*,* jirriżulta wkoll li l-konvenut, wara li tajjar lill-attur, baqa' jsuq il-vettura tiegħu għal tul ta' ftit metri, qabel waqaf għalkollox. Dawn il-provi kollha jindikaw li l-konvenut lemaħ lill-attur biss fil-ħin meta tajru u fl-ebda waqt qabel seħħ l-inċident, u għalhekk il-konvenut ma kienx qiegħed isuq bl-attenzjoni li suppost kellu juża bħala sewwieq.

F'sentenza dwar mertu li kien simili ħafna għal dak tal-każ odjern, fl-ismijiet **Mario u Carmela konjugi Camilleri *vs* Robert Azzopardi**[37], kien intqal:

> "Fis-sentenza fl-ismijiet **John Ransley et *vs* Edward Restall et**, intqal:
>
> "Dwar il-*pedestrian* jingħad li dan għandu juża l-massima prudenza meta jiġi biex jaqsam it-triq. L-artikoli 20 u 21 tal-*Highway Code* jgħidu hekk:
>
> > 20. *Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise, cross the road where you have a clear view of the road both ways.*
> >
> > 21. *Before you cross, stop at the kerb, look right, look left and look right again. Do not cross before the road is clear."*
>
> ...

[37] 14.07.2017.

Fl-istess ħin is-sewwieq irid iżomm f'moħħu ċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun, il-konfigurazzjoni tat-triq, id-dawl, l-orjentazzjoni tat-triq max-xemx u l-kundizzjonijiet atmosferiċi. *Pedestrian* għandu dejjem ikun attent meta juża t-triq u jagħmel l-almu tiegħu biex jiġu evitati inċidenti, anke jekk għandu d-dritt favur tiegħu.[38] Fis-sentenza deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Joseph Micallef *vs* Joseph Sammut**[39] ġie ritenut illi:

"irid jingħad ukoll illi l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss għandu wkoll l-obbligi tiegħu li jrid josserva sabiex ma joħloqx periklu lill-utenti l-oħra tat-triq u fil-fatt irid jipprova li huwa u (hawnhekk il-Qorti kkwotat lill-ġurista eminenti Ingliż Gibb) '*used such care for his own safety as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances.'*

Sentenza oħra dwar l-obbligi tal-utent tat-triq hija dik fl-ismijiet **Rita Calleja *vs* Joseph Agius** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta, fejn ingħad:

"jekk *pedestrian* ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun, id-*driver* li jkun qiegħed isuq karozza b'mod regolari jsib ruħu f'pożizzjoni ta' emerġenza subbitaneja minħabba fih, dak id-*driver* m'għandux jiġi tenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontinġenza."

Dwar l-aspett tal-*proper lookout* fil-kawża fl-ismijiet **Godfrey Ciangura *vs* Carmen German**[40] ingħad:

"Jiġi rilevat li sewwieq ikun ikkontribwixxa għall-inċident jekk ma jkunx żamm '*proper lookout'.*

M'hemmx dubju li l-obbligu ta' kull sewwieq huwa li jżomm *proper lookout.* Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Louis Bianchi noe *vs* Michelle Cassar**[41], ingħad li:

"tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri ... omissis ... b) hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dak li komunement tissejjaħ '*a reasonable lookout'* liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli."

Ġie approprositu ritenut li hu dover ta' *driver "to see what is in plain view*[42]*"* u li "min ma jarax li raġonevolment għandu jara jfisser li ma kienx qed iżomm *a proper lookout."*

[38] Ara s-sentenzi fl-ismijiet **Formosa & Camilleri Ltd et noe *vs.* Joseph Camenzuli,** P.A., 26.04.2001 u **Stefan Bonello *vs.* Carmelo Abela,** P.A., 21.10.2002.
[39] 28.06.2001.
[40] PA., 03.07.2008.
[41] P.A. 06.11.1988.

Illi fi **Newhaus N.D. *vs* Bastion Insurance Co. Ltd.**[43] il-Qrati kienu rritenew illi:

*"Keeping a proper lookout means more than the looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Minn rassenja studjata tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna fis-sentenza fl-ismijiet **Vincenzo Borg *vs* Karl Jude Bonett**[44], jingħad:

"Dan premess, minn eżami ta' bosta sentenzi, in partikolari dawk mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, *per* Imħallef William Harding, hija evidentement distingwibbli x'għandha tkun l-imġiba tas-sewwieq u tal-*pedestrian, qua* utenti tat-triq:

(1) "*Driver* għandu juża d-diliġenza kollha biex jevita *pedestrian* li jaqsam it-triq anke jekk il-*pedestrian* jaqsam negliġentement u għalhekk għandu jiġi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tiegħu b'mod li jkun poġġa ruħu f'pożizzjoni li ma setax jevita l-investiment ta' *pedestrian.* Il-każ li fih id-*driver* jista' jkun eżentat mir-responsabbilità hu dak biss fejn il-*pedestrian,* b'xi att inaspettat u subitaneu, jew xort'oħra b'xi għemil tiegħu, ikun qiegħed lid-*driver* f'pożizzjoni li, anke bl-użu tad-diliġenza meħtieġa, dan ma setax assolutament jevita l-investiment" – **"Il-Pulizija *vs* Dockyard PC 347 Carmel Mifsud",** Appell Kriminali, 26 ta' Ġunju, 1954 (Kollezz. Vol. XXXVIII, P. IV, p. 859);

(2) "Il-*pedestrian* għandu ċertament drittijiet fiċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku, imma għandu wkoll obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun, u *driver* li jkun saq karozza b'mod regolari jsib ruħu f'pożizzjoni ta' emerġenza subitanea minħabba fih, dak id-*driver* ma għandux jiġi ritenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-konsegwenzi li jista' jsofri l-*pedestrian* f'dik il-konsegwenza – **"Il-Pulizija *vs* Alfred Caruana",** Appell Kriminali, 14 ta' Mejju, 1955 (Kollez. Vol. XXXIX, P. IV, p. 1031);

(3) "Il-*pedestrian* għalkemm għandu dritt li jkun fil-karreġġjata biex jaqsam ċertament għandu wkoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam '*with reasonable dispatch.'* Aktar u aktar teħtieġ dik l-attenzjoni tal-*pedestrian* meta si tratta ta' *uncontrolled crossing* – **"Il-Pulizija *vs* Joseph Formosa",** Appell Kriminali, 4 ta' April 1959, (Kollez. Vol. XLIII, P. IV. p. 1027);

[42] **Il-Pulizija *vs* Joseph Vella,** 10.08.1963
[43] 1968, (1) SA 398 (A) f'405H-406A.
[44] App. Inf. 10.10.2005 per Imħallef Philip Sciberras.

(4) “Hu veru li anki l-*pedestrian* għandu d-doveri tiegħu fit-traffiku stradali; imma biex *driver* ta’ karozza li jinvesti *pedestrian* u jikkaġunalu offiżi fuq il-persuna tiegħu jista’ jiskolpa ruħu, jeħtieġ li jirriżulta li l-kawża unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-*pedestrian* li ġie milqut; u ma tistax tiġi invokata mid-*driver* l-iskriminanti tal-emerġenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa tal-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emerġenza. Il-konduċenti ta’ vetturi ma għandhomx jippreżumu normalità perfetta ta’ komportament tal-*pedestrian* imma għandhom dejjem jivvalutaw il-kontinġenzi stradali u jirregolaw il-veloċità tagħhom b’marġini suffiċjenti ta’ sikurezza” – **“Il-Pulizija *vs* George Muscat”,** Appell Kriminali, 6 ta’ Mejju, 1961 (Kollez. Vol. XLV, P. IV, p. 947);

Huwa deżumibbli minn dawn il-ġudikati illi kemm il-*pedestrian* kif ukoll il-konduċent ta’ vettura għandhom josservaw dejjem ir-regoli tal-prudenza u tal-bon sens fiċ-ċirkolazzjoni stradali. Fattur determinanti ieħor li jemerġi minn dawn l-istess ġudikati huwa dak li biex *driver* ta’ vettura jiskansa ruħu minn addebitu ta’ ħtija jrid juri li hu ġie rinfaċċat minn sitwazzjoni inevitabbli li ssorprendietu.

Dan aktar u aktar meta “fi triqtu jinzerta nies li minħabba l-età tagħhom jew għal xi raġuni oħra ma jkollhomx la dik iċ-ċelerità ta’ perċezzjoni, la dik il-prontezza ta’ deċiżjoni, u lanqas dik l-iżveltezza ta’ movimenti, li jeħtieġu ċ-ċirkostanzi improvviżi” – **“Il-Pulizija *vs* Joseph Thornton”,** Appell Kriminali, 18 ta’ Marzu, 1961 (Kollez. Vol. XLV, P. IV, P. 920); ... *omissis ...*

Jinsab statwit fis-sentenza fl-ismijiet **Salvatore Bongailas *vs* Joseph Mercieca,** Appell Ċivili, 20 ta’ Jannar 1967, ukoll ċitata mill-appellat, illi ‘m’hemm ebda preżunzjoni li, fil-każ ta’ aċċident bejn *motor car* u *pedestrian,* il-*pedestrian* għandu dejjem raġuni.” Issokta imbgħad jiġi osservat illi “b’danakollu hu veru illi, fejn m’hemmx regolat b’xi mod partikolari l-passaġġ tal-*pedestrians, pedestrian* li jużа t-triq karrozzabbli anqas għandu jitqies bħala xi intruż; u filwaqt illi l-*pedestrian* għandu ċertament juża l-kura meħtieġa biex ma joħloqx għall-utenti l-oħra d-*drivers* ta’ karozzi, li huma magni ta’ potenza li joqtlu jew ikorru, għandhom l-obbligu gravi li jieħdu kura li jsuqu b’mod li ma jkunux ta’ perikolu jew dannu għall-*pedestrians* li għandhom ukoll id-dritt li jużaw it-toroq.”

Il-Qorti tqis li fil-każ odjern il-konvenut naqas milli juża l-prudenza u d-diliġenza meħtieġa sabiex jevita l-inċident stradali inkwistjoni, u tant ma kienx qiegħed juża *proper lookout* fit-triq, li induna bl-attur meta kien tard wisq li jagħmel xi ħaġa biex inaqqas mill-veloċità jew biex jevitah.

Hekk stabbilita l-kwistjoni tar-responsabbilità għal dan l-inċident, jkun fadal li ssir il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-imsemi inċident.

*Damnum Emergens:*

Minkejja li mir-rapport tal-kirurgu dentali Mr Alex Cassar jirriżulta li għat-trattamenti li kien jeħtieġ li jagħmel l-attur b'rabta mal-feriti li sofra f'wiċċu b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni, huwa kellu jidħol fl-ispiża ta' erbat elef u mitejn Euro (€4,200)[45], fil-prospett tiegħu tad-danni, l-attur stqarr li m'għandu l-ebda pretensjoni għal-likwidazzjoni ta' danni materjali.[46] Madanakollu l-Qorti tqis illi dan sar bi żvista u sejra tqis is-somma ta' erbat elef u mitejn Euro (€4,200) bħala *damnum emergens* li sofra l-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.

*Lucrum Cessans:*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[47], intqal:

> "… il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

[45] *A fol.* 11 tal-proċess.
[46] *A fol.* 464 tal-proċess.
[47] P.A., 18.02.2013.

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[48], inkiteb illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Jirriżulta mid-dokumenti li ġew esebiti in atti li fis-sena 2016, s-sena meta l-attur kellu l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, dan kellu dħul nett ta' €12,192.[49] Dan id-dħul irid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja[50] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[51], sabiex b'hekk id-dħul bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €12,192 + €13,479.48 / 2 = €12,835.74. Huwa dan is-salarju bażiku li ser jintuża għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-*lucrum cessans*.

---

48 P.A., 27.04.2005.

49 Fl-2016 l-attur kellu dħul gross ta' €14,347, u ħallas €1,368 kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali u €787 f'taxxa.

50 F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi: "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*."

51 F'sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti qalet illi: "[m]eta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37% (2017) ÷ 5= 0.96%}.

F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley** ***vs.*** **Edward u Lydia konjuġi Restall**[52], inkiteb:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler** ***vs*** **Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler** ***vs*** **Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in kunsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li fil-każ ta' persuni li qabżu l-età ta' ħamsin sena, il-*multiplier* li għandu jiġi adottat huwa ta' 11.

Fil-każ odjern ġie stabbilit mill-esperti mediċi *ex parte* li l-attur sofra diżabilità permanenti ta' 18% diżabilità f'wiċċu u f'ħalqu, skont ir-relazzjoni tal-kirurgu dentali Mr Alex Cassar, u 20% diżabilità permanenti mil-lat ortopediku, kif ikkonfermat mill-konsulent tal-ortopedija Mr Thomas Azzopardi. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Brian Micallef** ***vs.***

[52] P.A., 10.05.2005.

**Brian Tyre Services Ltd et**[53], fejn sar riferiment għall-awtur Guido Gentile li fil-ktieb tiegħu '*Problemi insaliti nella valutazione del danno della* persona' (ediz 1951, pg. 296) li kiteb:

> *"la valutazione del danno in caso di lesioni multipli non risulta della somma dei coefficienti delle singole lesioni, sebbene da un coefficienti unico, rapportato, nel suo insiene, all'entità unitaria dell individuo."*

Il-Qorti fl-istess sentenza qalet ukoll li:

> "hu għalhekk li l-average irid jittieħed tal-perċentaġġi reali, dawk jiġifieri, li jirriflettu l-valur ta' menomazzjoni li (lill-attriċi) jillimitaha f'xogħolha."

Huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li f'każ bħal dan, wieħed m'għandux jgħodd flimkien iż-żewġ rati ta' diżabilità permanenti hekk kif stabbiliti mill-esperti medici, iżda għandu jigi applikat dak magħruf bħala *"weighted average".* Meta l-Qorti tgħaddi biex tikkomputa d-diżabilità permanenti totali, din trid tigi kkunsidrata fir-rigward tal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda presunzjoni *a priori* li l-multipliċità ta' feriti jiġu komputati komplessivament. [54] Bil-*weighted average* għandu jittieħed bilanċ tar-rizultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat.[55] Dak li jrid jiġi stabbilit mhuwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ jew il-ħidma tal-attur danneġġjat.[56] Madankollu mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, jidher li l-mod kif jinħadem il-*weighted average* jitħalla interament fid-diskrezzjoni tal-Qorti ta' dak li tqis li huwa xieraq u ġust fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Fil-każ odjern jirriżulta li konsegwenza tal-inċident inkwistjoni l-attur qiegħed

---

[53] Q.A., 31.01.2014.
[54] **Degiorgio *vs.* De Crema**, P.A., 28.01.2004, u **Josef Farrugia vs. Thomas Tanti**, P.A., 07.07.20014.
[55] **Cassar Pullicino noe et *vs.* Xuereb et,** P.A., 20.02.2009.
[56] **Frendo *vs.* Cachia**, P.A., 20.04.2009.

isofri kemm minn debilità permanenti ta' 20% mil-lat ortopediku u anki minn debilità permanenti ta' 18% f'wiċċu u f'ħalqu. Skont il-formula matematika stabbilita għall-komputazzjoni tal-*weighted average*[57], din twassal għal rata ta' ta' 34.4%.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tara li hemm lok għal ebda tnaqqis bħal dan.

Is-salarju medju ta' €12,835.74 x *multiplier* ta' 11, x 34.4% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €48,570.44 li meta ridotta b'20% għal-*lump sum payment,* tiġi tmienja u tletin elf, tmin mija u sitta u ħamsin Euro u seba' ċenteżmi (€38,856.35). Dan huwa l-*lucrum cessans* li ser jiġi likwidat mill-Qorti u li għandu jitħallas lill-attur in linea ta' danni li meta tiżdied miegħu s-somma ta' erbat elef u mitejn Euro (€4,200), iwassal għas-somma totali ta' danni ta' tlieta u erbgħin elf u sitta u ħamsin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€43,056.35).

---

[57] Ara Regolament 3 tad-*Draft Regulations for Assessment of Damages for Death or Incapacity - "Assessment Regulations"* tal-2010 maħruġa mill-Ministeru responsabbli għall-Ġustizzja:

$$\frac{(100 - M) \times m}{100} + M$$

'M' tirrappreżenta l-ogħla rata ta' diżabilità;
'm' tirrappreżenta l-aktar rata baxxa ta' diżabilità.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**

2. **Tiddikjara lill-konvenut Shemizen Borg unikament responsabbli għall-inċident tat-traffiku li seħħ fi Vjal Santa Luċija fl-ewwel (1) ta’ Settembru 2016, meta bil-vettura tiegħu, Mazda Demio bin-numru ta’ reġistrazzjoni KBU 919, tajjar lill-attur, b’riżultat ta’ liema l-attur sofra danni u debilità permanenti;**

3. **Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b’riżultat tal-imsemmi inċident fis-somma ta’ tlieta u erbgħin elf u sitta u ħamsin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€43,056.35);**

4. **Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom iħallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**